**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 11 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 165/2021 AF**

**Mark Micallef**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-attur Mark Micallef, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Giljan Agius (Agius) ippreżenta ċitazzjoni konta l-esponent fid-19 ta' Novembru 2002 (Rikors 1306/2002).

L-esponent kien iddikjara li m'għandux iktar provi fil-25 ta' Ottubru 2005 u fl-20 ta' April 2006 l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Illi minn dakinhar sat-12 ta' Jannar 2015, il-kawża baqgħet differita għas-sentenza u ingħatat sentenza kontra l-esponent biss fit-12 ta' Jannar 2015.

L-esponent ippreżenta appell fit-22 ta' Jannar 2015 u l-Appell ġie appuntat biss fit-2 ta' Diċembru 2019 u finalment ġiet deċiża fis-6 ta' Ottubru 2020.

B'riżultat ta' dan id-dewmien l-esponent kellu jħallas lill-Agius l-ammont ta' €50,315.04 f'imgħax.

L-esponent qatt ma kellu tort fid-dewmien esaġerat.

Waqt li l-kawża kienet pendenti kien hemm sekwestru effettiv kontra l-esponent li ma setax juża l-kont bankarju tiegħu u b'hekk sofra ħafna danni.

L-intimat għandu tort għad-danni li sofra l-esponent. Kemm danni morali u kemm danni attwali konsistenti fil-ħlas ta' imgħax esaġerat.

L-intimat naqas li jipprovdi sentenza fi żmien raġjonevoli.

Minħabba dewmien fil-kawża ċivili fuq imsemmija li fiha l-esponent kien konvenut u minħabba li fost oħrajn ġie imġiegħel jħallas interessi żejda u bla bżonn bejn il-bidu u t-tmiem tal-kawża dan irriżulta fi problemi finanzjarji kbar għar-rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjonali ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tiegħu li damet mid-19 ta' Novembru 2002 sas-6 ta' Ottubru 2020.

2. Tillikwida ammont ta' danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smiegħ xieraq.

3. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata lill-esponent.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Illi l-intimat huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Ir-rikorrent għandu jġib prova li tabilħaqq kien hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri msemmija fir-rikors kostituzzjonali tiegħu.

Għalkemm il-proċeduri ċivili damu b'kollox madwar tmintax (18)-il sena sabiex inqatgħu ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament għandu jinstab li kien hemm dewmien irraġjonevoli jew dewmien attriwibbli lill-Istat. Fil-fatt, hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġjonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddeja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikoli tal-każ li jkun[1].

[1] *Vide* Franis Theuma vs Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2003

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, meta kawża tkun ilha pendenti għas-sentenza quddiem Qorti partikolari għal tmintax-il xahar jew aktar, l-Artikolu 195(5((b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti lil kwalunkwe parti fil-kawża sabiex permezz ta' rikors jitolbu lill-Prim Imħallef sabiex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor.

Madanakollu jingħad ukoll li ma hemm l-ebda *time-limit* li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda.

Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju t-talba tar-rikorrent taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-kawża damet pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriccjuż u maħsub biss sabiex jiżvantaġġjah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Kull każ irid jiġi evalwat fil-kuntest ċirkostanzjali tiegħu u jekk kawża tieħu numru ta' snin sabiex tiġi deċiża dan ma jfissirx awtomatikament li d-dewmien kien b'xi mod jew ieħor irraġjonevoli jew kappriccjuż.

Bla ħsara għall-premess, anke jekk għal ġieh tal-argument biss, din l-Onorabbli Qorti ssib li kien hemm dewmien mhux raġjonevoli, jaqa' fuq ir-rikorrenti li juri li tassew ġarrab ħsara minħabba dan l-allegat dewmien.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra t-talbiet imressqa mir-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra tiegħu.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċeduri Ċitazz. Nru. 1360/02 fl-ismijiet Giljan Agius vs Mark Micallef liema proċeduri inbdew b'ċitazzjoni tad-19 ta' Novembru 2002 u ntemmew definittivament b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2020. Huwa jgħid illi dan id-dewmien ikkaġunalu dannu finanzjarju mhux biss għaliex finalment kellu jħallas is-somma ta' €50,315.04 f'imgħax iżda wkoll għaliex l-attur f'dawk il-proċeduri kien talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-konvenut, liema mandat dam fis-seħħ għat-tul kollu li damu għaddejjin il-proċeduri. Jgħid għalhekk illi dan il-fatt impedih milli jiġbed flusu mill-bank għaliex kull sold li kien jidħol fil-kontijiet tiegħu kien jinqabad awtomatikament bil-mandat. Indirettament il-mandat ħalla wkoll impatt fuq il-kwalità tal-ħajja tal-attur. Oltre għal dikjarazzjoni dwar leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, l-attur qiegħed jitlob ukoll il-likwidazzjoni tad-danni.

L-Avukat Ġenerali laqa' għat-talbiet billi sfida lill-attur jagħmel il-prova tad-dewmien irraġonevoli minnu lamentat kif ukoll il-prova tad-danni allegatament imġarrba. Jeċċepixxi wkoll illi waqt li huwa minnu illi l-proċeduri fit-totalita' tagħhom damu għaddejin għal tmintax-il sena, dan ma jfissirx illi d-dewmien lamentat kien wieħed irraġonveoli. Fil-fehma tal-Avukat tal-Istat l-irraġonevolezza fid-dewmien jeħtieġ tiġi eżaminata fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u mhux minn kemm snin damet għaddejja l-kawża. In oltre jeċċepixxi illi jekk il-konvenut ħass ruħu aggravat bid-dewmien, seta' nqeda bir-rimedju lilu disponibbli ai termini tal-Artiklu 195(5)(b) tal-Kap. 12 liema disposizzjoni tipprovdi li l-parti f'kawża li tħossha aggravata b'dewmien ta' 'l fuq minn tmintax-il xahar sabiex tingħata sentenza, tista' tagħmel talba sabiex il-kawża tiġi riassenjata u deċiża minn ġudikant differenti. L-Avukat tal-Istat kompla jeċċepixxi illi m'hemm ebda provvediment fil-liġi li jistipola ż-żmien li fih kawża għandha tiġi trattata u deċiża.

Il-kawża bin-numru 1306/02, intavolata b'ċitazzjoni tad-19 ta' Novembru 2002, kienet titratta talba dwar ħlas tas-somma ta' Lm15,000 liema somma kienet dovuta ai termini ta' skrittura

privata tal-25 ta' Jannar 2002 dwar ħlas ta' sena kera għall-fond fl-indirizz 210, Tower Road, Sliema. Din il-kawża saret ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-atti allegati jirriżulta illi l-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-6 ta' Diċembru 2002 biss kemm l-ewwel u kif ukoll it-tieni seduta tħallew għan-notifika tal-konvenut. Stante l-fatt illi l-konvenut kellu xi eċċezzjonijiet xi jressaq, il-Qorti ħalliet is-seduta tal-20 ta' Marzu 2003 għall-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Il-ħames seduti li segwew saru u fihom il-partijiet ressqu l-provi tagħhom. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2004 il-konvenut iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq. Fis-seduta sussegwenti l-partijiet ma dehrux. Fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2005 il-partijiet kollha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu. Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2006 waqt illi l-attur u d-difensur tiegħu ma dehrux, id-difensur tal-konvenut talab li jingħata aktar żmien sabiex jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu. Fis-seduta tal-20 t'April 2006 il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza.

Mill-inkartament proċesswali jirriżulta illi ngħataw xejn anqas minn 23 differiment għas-sentenza. Intant, b'ordni tal-Prim'Imħallef tat-19 ta' Settembru 2014, il-kawża ġiet riassenjata. Għalkemm ingħataw tlett differimenti, l-ewwel qorti tat is-sentenza tagħha fit-12 ta' Jannar 2015.

Il-konvenut appella b'rikors tat-22 ta' Jannar 2015 biss il-Qorti tal-Appell appuntat l-appell għas-smigħ għat-2 ta' Diċembru 2019 liema seduta ġiet differita għaliex ma kienitx għada tħallset il-kawtela. L-Avukat tal-appellat talab illi s-seduta tad-9 ta' Marzu 2020 tiġi differita liema differiment ma kienx oppost mill-appellant. Fl-1 ta' Ġunju 2020 ġiet preżentata nota ta' astensjoni minn wieħed mill-Imħallfin sedenti u għalhekk l-appell ġie differit għas-surroga. Il-Qorti tal-Appell tat is-sentenza tagħha fis-6 ta' Ottubru 2020.

Fix-xhieda tiegħu l-attur spjega illi konsegwenza tad-dewmien li fil-fehma tiegħu kien wieħed irraġonevoli, huwa kellu jħallas is-somma ta' €50,315.04 f'imgħax legali fuq l-ammont li kien ikkundannat iħallas. Jgħid illi li kieku s-sentenza ingħatat fi

żmien raġonevoli l-ammont li kien ikun kostrett iħallas *qua* interessi kien ikun ferm anqas.

L-attur kompla jixhed illi konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu, liema mandat baqa' in vigore għat-tul kollu tal-proċeduri, huwa sofra finanzjarjament billi apparti li ma setax jagħmel dak illi xtaq bi flusu għaliex kull introjtu inqabad bil-mandat, lanqas ma seta jissellef sabiex jixtri proprjetà għaliex bil-mandat *in vigore* ebda bank ma ried jikkonċedilu self. L-attur ippreżenta wkoll prospett dettaljat li juri x'ġara f'kull stadju tal-proċeduri inkluż id-differimenti li ngħataw fil-kors tal-proċeduri.

L-azzjoni attriċi hija mpernjata fuq id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Il-ġurisprudenza *in materia* hija kopjuża u ben assodata. Fil-ktieb intitolat **Protecting the right to a fair trial under the European Convention on Human Rights**, l-awturi Dovydas Vitkauskas u Grigoriy Dikov[2] jittrattaw din it-tematika b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewopea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jingħad hekk:

> *This right derives both from the wording of Article 6 and from the principles of effectiveness (H. v. France, 1989).*
>
> *Article 6 is fully autonomous from the way the domestic procedure determines the length of procedural actions, with the result that a breach of the domestic time-limit will not necessarily show a breach of Article 6. Unlike in many national systems, under the Court's case-law there is no fixed time-limit for any particular type of the proceedings, and all situations are examined on a case-by-case basis.*
>
> ...
>
> *Lengthy cases are the first area where the Court has issued pilot judgments addressing not the circumstances of a particular case but rather the notion of systematic violations in the country concerned (Kudła v. Poland, §§119-131).*

---

[2] Council of Europe Human Rights Handbooks, 2012

*A positive obligation arises for the state under Article 13 of the Convention to create a remedy within any civil or criminal case to enable speeding up of a protracted procedure for the purpose of Article 6 (Kudła).*

*…*

*What time is "reasonable" is assessed by a cumulative test involving three main criteria (Pretto and others, §§30-37):*

*nature and complexity of the case;*
*conduct of the applicant;*
*conduct of the authorities.*

*While there is no established general guidance on the time allowed by Article 6, it depends primarily on the number of court instances involved. As a rule, more scrutiny will be given to cases that last more than three years at one instance (Guincho v. Portugal, §§29-41), five years at two instances, and six years at three levels of jurisdiction.*

*Assessment of "reasonable time" varies greatly depending on the circumstances of the case. The shortest time-limit leading to a finding of a violation is 2 years and 4 months at two instances in a case concerning a compensation claim by the applicant infected with HIV (X v. France, 1982), while the longest period resulting in a finding of non-violation may be as long as eight years at two instances.*

*…*

***Nature and complexity of the case***

*The Court takes into account what is at stake for the applicant in the domestic proceedings. …*

*By contrast, the complexity of a case allows more leeway to the authorities in justifying a longer delay.*

*Complexity denotes primarily numerous factual elements to be determined, such as in cases involving a vast number of charges to be determined in criminal cases that are joined together (Vaivada v. Lithuania, dec.), or a large number of defendants in a case (Meilus v. Lithuania, §25). Cases concerning tax evasion, company fraud, money laundering, etc., are often complex, but if the pending proceedings preclude a company from operating normally, special diligence is required from the authorities (De Clerk v. Belgium, §§53-73).*

*Legal complexity, such as uncertainty of the domestic case-law in view of the need to apply recent legislation, can also justify a longer delay (Pretto and others, §§30-37).*

***Conduct of the parties : delays by authorities***

*The Court takes into account only delays (sometimes called "substantial periods of inactivity") attributable to the authorities. Delays attributable to the applicant, whether caused deliberately or not, will not be taken into account in assessing "reasonable time" (H. v. the United Kingdom). At the same time, the Government cannot excuse the overall length of proceedings by citing the applicant`s appeals, motions, requests, etc., to the extent that these procedural steps were not abusive. The defendant cannot be blamed for taking full advantage of the resources and tools afforded by national law in the defence of his interests (Kolomiyets v. Russia, §§25-31).*

*Reasonable diligence will be required from the authorities in each procedural step, such as filing evidence and submitting observations, in all criminal cases and when they are one of the parties in a civil case (Baraona, §§46-57).*

*Where another private party has caused a delay in a civil case, the court has to take steps to expedite the*

*proceedings and not to extend time-limits at that party`s convenience without good reason (Guincho).*

*…*

*Even in pursuing the interest of the protection of defence rights, such as the need to summon witnesses on behalf of the defence at trial, the authorities may be in breach of the "reasonable time" requirement if not carrying out the task with reasonable diligence (Kuvikas v. Lithuania, §50).*

*General delays caused occasionally by the courts' case-load may be acceptable as long as they are not prolonged in time, and where reasonable steps are being taken by the authorities to prioritise cases based on their urgency and importance (Zimmerman and Steiner, §§27-32).*

*At the same time, the Contracting States are required by Article 1 of the Convention to organise their legal systems so as to ensure compliance with Article 6, and no reference to financial or practical difficulties can be permitted to justify a structural problem with excessive length of proceedings (Salesi, §§20-25).*

*Where a case is repeatedly re-opened or remitted from one court to another (the so-called yo-yo practice), the Court tends to regard it as a serious aggravating circumstance, which may result in a violation being found even if the overall duration of the proceedings does not seem excessive (Svetlana Orlova v. Russia, §§42-52).*

Fis-sentenza li tat fis-27 ta' Mejju 2016 fil-kawza Raymond Farrugia et vs L-Avukat Generali et, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, 1 ta' Frar 2016, fejn inghad in materja illi:*

*" ... dwar jekk jezistix tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropeja, ossia il-komplessità tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.' (ECHR, **Gordeyev vs Russia** (Application no. 40618/04) 5/02/2015)*

*"21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*"22. Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, **Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission**, paragraph 181 and the case-law cited).*

*" …. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, **Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission**, paragraph 182 and the case-law cited)." (**Grand Chamber, Kendrion NV vs European Commission**, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97).*

*"23.Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjetà demokratika. (Q. Kos.* ***<u>Emanuela Brincat vs L-avukat Generali</u>****, 21/2/1996 [Vol.80]). Dan jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.` Q. Kos.* ***<u>Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali</u>****, 15/12/2015).*

*24. Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti datata 22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet* ***<u>Emanuel Portelli et v. Avukat Generali et</u>****, fejn dwar dewmien ta' seba' snin sabiex tinghata s-sentenza inghad :*

*"[28] Tosserva wkoll li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b'xi mod dan id-dewmien ta' seba' snin ghall-ghoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat il-komplessità tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f'dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta' anzjetà u frustrazzjoni … da parti taghhom, u ta' dan, ghandhom jigu kkumpensati."*

*25. Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea* ***<u>Richard Anderson v. United Kingdom</u>*** *deciza fid-9 ta' Frar 2010:*

*"As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for*

*it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (**Bhandari v. the United Kingdom**, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)….*

*"39. … it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."*

Traċċjati dawn l-insenjamenti, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu.

Huwa prinċipju korollari tad-dritt għal smigħ xieraq li l-proċeduri ġudizzjarji għandhom jitmexxew b'ħeffa u mingħajr dewmien. Proċess espedjenti jassigura mhux biss sistema ta' ġustizzja effettiva u effikaċi iżda fuq kollox jiggarantixxi li l-istat ta' nċertezza u tilwim jiġi riżolt mill-aktar fis. Huwa l-istat li għandu jassigura li l-proċess ġudizzjarju jkun espedjenti billi jara li jipprovdi lill-ġudikant bl-għodod kollha meħtieġa sabiex il-proċess ma jkunx stultifikat minħabba nuqqas ta' riżorsi materjali jew umani. L-istat huwa inoltre mghobbi wkoll bir-responsabbilità li jassigura li n-numru ta' kawzi migjuba quddiem gudikant partikolari ghandu jkun wiehed li jista' ragonevolment ilahhaq mieghu l-istess gudikant. Ghal dan il-ghan huwa l-istat li ghandu jizgura li n-numru ta' gudikanti minnu mahtura ikun wiehed adegwat u proporzjonat ghan-numru ta' kawzi,

Riferibbilment għall-każ tal-lum, jirriżulta illi l-kawża bin-numru 1306/02 ma jidhirx li kienet tippreżenta xi kumplessità jew komplikazzjoni. Fil-fatt, il-każ kien pjuttost wieħed sempliċi fin-natura tiegħu, każ dwar kundanna għall-ħlas ta' kera skont kif pattwit bejn il-partijiet. L-inkartament proċesswali li ġie allegat ma' dan il-proċess juri li la kien hemm xi volum ta' xhieda x'jinstema' jew x'jiġi eżaminat mill-Qorti, la kien hemm xi punti fini ta' dritt x'jiġu studjati u lanqas ma jirriżultaw diffikultajiet tekniċi. Madanakollu jirriżulta illi bejn iż-żmien meta nfetħu l-

proċeduri u meta ngħatat sentenza definittiva għaddew, kif jippreċiża l-Avukat tal-Istat fin-nota tiegħu, sbatax (17)-il sena, ħames (5) xhur u tmint ijiem. Waqt illi l-fattur tat-tul taż-żmien ċertament illi ma jistax jiġi njorat, dan il-fattur waħdu mhux biżżejjed sabiex jingħad il d-dewmien kien wieħed irraġjonevoli.

Mill-banda l-oħra, meta l-Qorti tqis li bejn l-20 ta' April 2006 u t'18 ta' Settembru 2014 u cioè fuq medda ta' 8 snin ingħataw xejn anqas minn 23 differiment għas-sentenza, meta tqis ukoll is-sempliċità tal-każ u li d-dewmien bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit għal xi ħtija tal-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri, id-dewmien jirriżulta li kien wieħed irraġonevoli. Inoltre, aktar dewmien inħoloq meta s-sentenza tal-ewwel qorti ġiet appellata u l-appell dam xejn anqas minn ħames snin sabiex ġie appuntat għas-smigħ. Dan id-dewmien issarraf fi ksur tad-dritt fundamentali tal-attur għal smigħ xieraq fi zmien ragonevoli.

L-attur qiegħed jippretendi kumpens għall-vjolazzjoni mġarrba. L-ilment prinċipali tiegħu huwa fis-sens li gie kkundannat ammont konsiderevoli f'interessi li akkumulaw sforz id-dewmien li ħadu l-proċeduri. Il-Qorti tqis illi dan l-ilment għandu mis-sewwa għaliex naturalment, li kieku l-proċeduri ntemmew f'inqas żmien, l-ammont t'imgħax legali li l-attur kien ikun kostrett iħallas kien ser ikun ferm inqas. Il-Qorti tqis illi b'sens ta' ġustizzja mal-attur tenut kont tal-fatt li l-attur ma jġorr ebda ħtija għad-dewmien, huwa għandu jirċievi kumpens perkunjarju għal-leżjoni minnu mġarrba. F'dan il-każ, l-attur weħel l-imgħax għal proċeduri li damu għaddejjin għal kważi sbatax-il sena u nofs. Mill-provi rriżulta li kien hemm dewmien irraġonevoli partikolarment fuq medda ta' tmien snin li matulhom il-Qorti kif dakinhar preseduta tat-23 differiment għas-sentenza kif ukoll ħames snin oħra sakemm l-appell ġie appuntat għas-smigħ. Dan ifisser, li madwar zewġ terzi taż-żmien li matulu damu għaddejjin il-proċeduri iddekorra inutilment. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-attur għandu jieħu f'kumpens pekunjarju ekwivalenti għal żewġ terzi tal-ammont li huwa ħallas f'imgħaxijiet, u cioè is-somma ta' €33,542, kif ukoll kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €2,000.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha kif dedotti.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur ġarrab ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida danni fis-somma komplessiva ta' hamsa u tletin elf hamsa mija u tnejn u erbghin Ewro (€35,542) in kwantu għal tlieta u tletin elf hames mija u tnejn u erbghin Ewro (€33,542) rappreżentanti danni pekunjarji u in kwantu għal elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti danni non-pekunjarji.

4. Tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma likwidata.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.

IMHALLEF

DEP/REG